MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 3505/1996/1

**Middle Sea Insurance Company Limited u b' digriet tal-Qorti tal-15 ta' Lulju 1997 zdied il-kliem "kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha International Cane Ltd"**

**Vs**

**Andrew Gingell Littlejohn**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-18 ta' Dicembru 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-13 ta' Settembru 1996 fil-limiti tal-Mensija waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru LAC 721 imhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-

Regolamenti tat-Traffiku huwa habat mal-vettura numru FAD 627 proprjeta` tas-socjeta` International Cane Limited u misjuqa minn Elizabeth Tabone;

Premess illi b' konsegwenza ta' dan l-incident, li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut imhabba negligenza u imprudenza da parti tieghu, il-vettura ta' marka Fiat numru FAD 627 garrbet hsarat konsiderevoli, izda billi dina kienet assigurata *comprehensive* mas-socjeta` assiguratrici attrici u billi saret *claim* ma' din l-istess socjeta`, l-assigurazzjoni kellha thallas ghat-tiswija ta' din il-vettura, liema hsara tammonta ghal ferm aktar minn elf lira Maltija;

Premess illi s-socjeta` assiguratrici hallset ukoll a tenur tal-kondizzjonijiet tal-Polza xi ammonti ohra dovuti lil terzi u dana wkoll b' konsegwenza ta' dan l-incident u dana kif kellu jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-konvenut tramite l-assigurazzjoni tieghu interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` assigurattrici attrici rrifjuta illi jhallas ghal dawn id-danni;

Premess illi l-konvenut naqas milli jaccetta t-tort ghal dan l-incident u dana minkejja li huwa kien unikament responsabbli ghal dan l-incident tat-traffiku kellha ssir din ic-citazzjoni;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku tat-13 ta' Settembru 1996 fil-limiti tal-Mensija li sehh bejn il-vettura misjuqa mill-istess konvenut u dik misjuqa minn Elizabeth Tabone;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` assiguratrici attrici u rizultanti minn dan l-incident tat-traffiku okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici assiguratrici dik is-somma li tigi hekk likwidata;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fis-16 ta' Dicembru 1997, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. In linea preliminari, is-socjeta` attrici mhix il-legittimu kontradittur ta' l-eccipjent;

2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ukoll in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija intempestiva billi ma jirrizultax l-ammont li bih is-socjeta` attrici indennizzat lill-assigurat taghha u ghalhekk is-socjeta` attrici ma kinitx surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni;

3. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, fil-meritu, l-ewwel talba attrici ghandha tkun michuda billi l-incident awtomobilistiku *de quo* ma garax htija ta' l-eccipjent izda gara unikament tort ta' Elizabeth Tabone li kienet issuq il-vettura assigurata mis-socjeta` attrici;

4. It-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x' jigu likwidata favur is-socjeta` attrici;

5. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent m' ghandux ikun kundannat ihallas danni lis-socjeta` attrici;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-2 ta' Frar 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet li kien fadal;

Rat l-affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza titratta minn kollizjoni li sehhet fit-13 ta' Settembru 1996 fil-wied ta' bejn is-Swieqi u San Gwann ghal liema s-socjeta` attrici taskrivi l-htija lill-konvenut minhabba negligenza u mprudenza da parti tieghu. Kif wiehed kien jistenna l-konvenut jikkontesta dan l-addebitu u, anzi, jikkontendi illi l-habta grat tort unikament tas-sewwieqa l-ohra Elizabeth Tabone;

Ir-rizoluzzjoni tal-kaz jiddependi mill-ezami ta' l-evidenza, kompriz l-elementi korroborattivi u dawk tac-cirkostanzi ta' fatt li kapaci jirriflettu l-impronta tal-htija. Naturalment f' ezercizzju bhal dan takkwista importanza qawwija l-konsiderazzjoni tal-verosomiljanza tal-versjonijiet;

Ghal dik li hi t-topografija tal-lokalita` fejn sehh l-incident din hi ahjar illustrata mix-xhieda tas-Surgent PS 1492 Joseph Pace li nvestigah, bl-ghajnuna wkoll tar-ritratti esebiti a fol. 43 u a fol. 47 u 58. Dan ix-xhud jiddeskrivi t-triq bhala dejqa hafna, wiesgha madwar erba' metri, u fiha liwja pjuttost kerha. Effettivament ir-ritratti jiddemostraw bla ebda dubju li t-triq hi wahda irregolari, b' liwja u sigar sprogenti li flimkien jaghmluha vizwalment insidjuza, kif hekk spjega l-istess Surgent (fol. 51);

Kwantu ghal versjonijiet ta' kif sehh l-incident, id-*driver* Elizabeth Tabone, sostenuta minn bintha Dominique Tabone (fol. 31), tghid li hi kienet qed issuq bil-mod ghat-telgha fuq in-naha taghha tat-triq u bid-dawl. Hi osservat vettura gejja mid-direzzjoni opposta ghan-nizla bi *speed* qawwi u harget minn wara kurva bid-dawl "*bright*" (fol. 32). Hi tissokta tghid illi waqfet ghal kollox jew "*hardly moving*" (fol. 132), u kien f' dan il-mument li semghet *brake* qawwi u l-*car* l-ohra tahbat maghha;

Dan ir-rakkont tal-fatti jidher li hu msahhah mill-versjoni korroborattiva tax-xhud Paul Berry (fol. 78) li kien qed isuq wara l-*car* ta' Tabone. Huwa jistqarr li kien ra l-karozza misjuqa mill-konvenut gejja pjuttost mghaggla u "tant kienet niezla b' qawwa li huwa (il-konvenut) kiser izzejjed lejn il-lemin, il-wied evitah imma saret il-habta mal-karozza ta quddiemu" (fol. 97). L-istess xhud jghid ukoll, ghal dak li jikkoncerna direttament is-sewqan tieghu u ta' Elizabeth Tabone, illi meta ra l-konvenut niezel waqaf jew naqqas hafna, "*dead slow*" u hekk ghamlet Tabone. Huwa jinsisti wkoll illi l-*car* ta' din id-*driver* kienet fuq is-*side* taghha u li inoltre fejn sehhet il-habta kienu jghaddu zewg karozzi hdejn xulxin;

Il-konvenut, minn naha tieghu, jikkontrapponi din il-versjoni tal-fatti u jsostni illi kien niezel bi *speed* ta' xi 20 mil fis-siegha fuq in-naha tieghu tat-triq, dar il-liwja u minn distanza ta' xi erbghin (40) metru ra l-vettura l-ohra tiela' ghan-nofs it-triq (fol. 55). Aktar tard in kontro-ezami jzid ukoll illi l-*car* l-ohra ma kellhiex dwal mixghulin bhal dawk tieghu (fol. 108);

Il-konvenut ikompli jiddikjara illi meta l-*car* l-ohra baqghet gejja hu naqqas l-*ispeed* u kwazi waqaf. In kontro-ezami, anzi, jghid li hu waqaf f' bicca li tiftah fit-triq u li b' dan il-mod kien jippermetti li l-*car* l-ohra setghet tghaddi. Jemfasizza illi kienet il-*car* l-ohra li dahhlet fih u mhux *vice-versa*;

Kwantu ghal *brake marks* il-konvenut filwaqt li jaccetta li dawn kienu hemm, pero`, izid jghid li dawn kienu jinsabu fid-dawra mentri l-incident sehh aktar il-boghod mid-dawra (fol. 109);

Premessi dawn il-fatti, jokkorri li l-Qorti tirrikostruwixxi d-dinamika tal-habta proprju fuq l-elementi ta' fatti provati kif jirrizultaw mill-atti;

I. Jibda biex jigi osservat illi bizzejjed wiehed jikkonsidra l-entita` tad-danni - dawk tal-vettura misjuqa minn Elizabeth Tabone fl-ammont ta' elfejn mitejn u hamsin lira u hdax-il centezmu (Lm2250.11) skond dokumenti minn fol. 18 sa fol. 22 - biex wiehed jiddenota li kien hemm velocita` eccessiva. Mill-provi attendibbli jidher li din il-velocita` hi attribwibbli lis-sewqan tal-konvenut. Dan huwa desumibbli mhux biss mill-versjonijiet tal-konducenti Elizabeth Tabone, ta' bintha u tax-xhud Paul Berry izda wkoll mill-fatt tal-*brake marks* illi ghalkemm mhux annotati fl-iskizz (fol. 37) hu ammess li kienu hemm;

II. Anke jekk ma giex determinat jekk l-i*speed* kienx eccedenti l-massimu eppure dan kien certament inkawt. Dan isib spjega mill-fatt li l-konvenut ma kienx f' qaghda li jirrallenta jew jarresta tempestivament il-vettura tieghu tant li l-manuvra tieghu, kif konfessat *a tempo debito* minnu mas-Surgent (ara okkorrenza a fol. 39), biex jipprova jiskapula l-vettura l-ohra ma servietx biex tiskansa l-impatt maghha;

III. Din il-konsiderazzjoni hi msahha wkoll mill-fatt illi bl-impatt il-*car* tal-konvenut, niezla kif kienet ghan-nizla daret kif murija fl-iskizz. Indizju iehor rilevanti huma d-daqqiet subiti fil-karozza tal-konvenut kif murija fir-ritratt R8 (fol. 57);

IV. Li kieku verament kellha titwemmen il-versjoni tal-konvenut illi hu kien ghaddej bl-i*speed* dikjarat minnu

certament ma kienx ikollu ghalfejn imbaghad japplika l-*brakes* meta kien qed javvicina l-liwja;

V. Hemm imbaghad element iehor li jincidi fuq il-kredibilita tal-versjoni tal-konvenut. Kif gja nghad, *a tempo vergine*, hu stqarr mas-surgent li pprova jiskapula l-vettura tas-sewwieqa l-ohra. Ghall-Qorti dan ifisser li l-*car* tieghu kienet "*in motion*" u la kienet "kwazi wieqfa" kif tenna fix-xhieda principali (fol. 55) u wisq anqas li "waqaf f' bicca li tiftah fit-triq" (fol. 108) kif hekk iddepona fil-kontro-ezami;

VI. Inoltre l-Qorti tinnota wkoll illi l-attentat tal-konvenut biex b' kull mezz jaddossa l-htija fuq il-konducenti l-ohra hu pjuttost pwerili. Dan qed jinghad b' referenza ghal dak sostenut minnu fil-kontro-ezami fis-sens illi l-*car* ta' Elizabeth Tabone ma kellhiex dwal mixghulin. Dan il-fatt la semmieh fl-Affidavit tieghu u wisq anqas attira l-attenzjoni tas-surgent dwaru fil-kors ta' l-investigazzjoni;

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet u c-cirkostanzi kollha ta' fatt hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-kawza prossima ta' l-incident kienet il-mod sgarbat u mprudenti li bih il-konvenut kien qieghed jikkontrolla s-sewqan tieghu. Sewqan dan li ma jistax ma jitqiesx ukoll indifferenti ghall-konfigurazzjoni tat-triq, il-vizwali ostakolata bil-kurva u bis-sigar u rapporti ohra kontigenti bhad-dlam u d-djuq tat-triq;

Kollox ma' kollox, imbaghad, il-Qorti issib illi l-versjoni provvduta mid-*driver* Elizabeth Tabone hi aktar fededenja minn dik tal-konvenut. Minn naha l-ohra l-Qorti ma ssibx element ta' kontributorjeta` da parte ta' l-imsemmija *driver* ghas-sinistru. Dan anke ghaliex is-sewqan taghha ma kienx il-kawza determinanti ta' l-incident u l-Qorti teskludi li din id-*driver* kienet qeghda ssuq il-karozza taghha bla dwal u ghan-nofs it-triq;

Dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet dawn jidher li gew indirizzati bil-fatt tal-korrezzjoni konsentita mill-Qorti bid-

digriet taghha tal-15 ta' Lulju 1997 (fol. 8) u tan-Nota elenkanti l-kwantum tad-danni a fol. 18. Danni dawn li baqghu ma gewx ikkontestati.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja c-cahda ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, takkolji l-ewwel domanda tas-socjeta` attrici u b' hekk tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-13 ta' Settembru 1996 fil-limiti tal-Mensija;

Tilqa' t-tieni domanda billi tillikwida d-danni subiti fl-istess incident fis-somma ta' elfejn mitejn u hamsin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm2250.11,0);

Finalment tilqa' wkoll it-tielet domanda billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` assiguratrici attrici s-somma fuq likwidata in linea ta' danni, bl-interessi dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza;

L-ispejjez gudizzjarji jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------